TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 254/13/F

**Mohamed Ali Mansur Ali**

**vs**

**Cauchi Auto Parts**

Illum 18 ta' Frar, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' erbgħin ewro (€40), rappreżentanti prezz ta' *seat covers* li meta ordnahom mingħand l-intimat ma kinux jaqblu.

Is-soċjeta' intimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *seat covers* għall-karozza tiegħu Toyota u ħallas erbgħin ewro (€40) depożitu u wara li ordnahom, dawn ma kinux jaqblu.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi s-*seat covers* kienu dawk li ġew ordnati minnu, anzi kien ordnahom speċjali għalih u li kien għażilhom hu.

**It-Tribunal jinnota illi :**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkonsidra illi dak li kien ordna r-rikorrenti huma *seat covers* u minkejja li r-rikorrenti jgħid li ma kinux dawk li ordna hu, t-Tribunal huwa konvint illi kienu dawk li ġew ordnati. Illi jista' jkun li kien hemm xi diżgwid bejn ir-rikorrenti u l-intimat, pero' r-rikorrenti kellu l-opportunita' li jara xi ritratt ta' dawn is-*seat covers* u għalhekk it-Tribunal huwa konvint illi huma dawk li ordna r-rikorrenti, u ikkonferma l-ordni, u għaldaqstant kienu tajbin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888